# Mill-Eżilju għall-Ħelsien



segretarjat għall-katekeżi

# Riżorsi Kateketiċi

# għall-użu fil-laqgħat

# mal-Adolexxenti

# u

# Żgħażagħ

**Sr Alexandra Chircop,**
**Segretarjat għall-Katekeżi,**
**14 ta' Frar, 2012**

# Daħla

Jekk ikollna nitkellmu minn eżilju,uħud mill-adolexxenti /żgħażagħ, mhux la kemm jifhmu xi jkun qiegħed jingħad. Għal bosta dan ikun kunċett ġdid. Min ikun midħla tal-Bibbja u tal-Istorja għandu mnejn jagħmel xi forma ta' konnessjoni, oħrajn, ma jatgħux kas, kemm it-tifsira u wisq aktar r-relevanza tal-realta` tal-eżilju jibqgħu għaddejjin minn fuq rashom.

Fil-Bibbja, insibu bosta waqtiet fejn il-poplu Lhudi kien eżiljat – meħud minn pajjiżu u mibgħut jgħix f'pajjiż minn ħakkmu. Hekk insbu l-Lhud eziljati fl-Eġittu, insibuhom eżiljati fil-Babilonja . Fl-eżilju l-poplu ta' Alla bata` ħafna. Kien hemm min f'nofs it-tbatija resaq lejn Alla, kien hemm minn gerger, oħrajn tbegħdu minn Alla u ħolqu idoli differenti. Imma Alla fil-ħniena tiegħu, baqa' dejjem jagħti xhieda tal-fedelta` tiegħu, jisma' l-karba tal-poplu Lhudi, jaf li l-bniedem huwa dgħajjef u kien jibgħatilhom xi ħellies. Fil-Bibbja insibu personaġġi li kienu eżiljati għal xi raġuni jew oħra, imma prinċipalment dan kien ikun għaliex kienu jgħidu l-verita': kliem li ma kienx idoqq għall widnejn xi wħud.

Fl-istorja tal-poplu Lhudi, bħal kull storja umana oħra, l-proċess lejn il-ħelsien mill-eżilju kien dejjem proċess li jiddependi mill-kollaborazzjoni tal-poplu Lhudi ma' Alla u mal-ħelliesa li Alla kien jipprovdilhom minn żmien għall żmien. Fil-kas ta' persuni li kienu jiġu eżiljati, Alla kien juri l-verita` permezz ta' persuni oħra jew ċirkustanzi li jivverifikaw dak li kien qiegħed jingħad mill-eżiljat. Ħafna mill-profeti għaddew minn din l-esperjenza.

L-istorja tal-poplu Lhudi hija l-istorja tal-umanita`. Storja li għadha tirrepetti ruħha llum ukoll, forsi illum id-differenza hija li minflok mal-bniedem jiġi meħud fl-eżilju frott ta' gwerra bejn ħakkiema diversi, illum il-bniedem idaħħal lilu nnifsu fl-eżilju, jew jiġi imdaħħal intortament minn oħrajn, sfortunatament ħafna drabi minn ta' madwaru stess.

L-esperjenza tal-eżilju – fejn il-bniedem jinqata' mill-oħrajn għal diversi raġunijiet, ħafna drabi dan jagħmlu b'sens ta' ħarba. Jista' jiġi eżiljat mill-oħrajn minħabba diversi raġunijiet bħal għira, jew għax ikun *leader* tajjeb u ta' madwaru jħossuhom imhedda minnu, jista' jkun ukoll għaliex ikollu oppinjonijiet differenti minn tal- oħrajn, jew ukoll, għaliex ikun bniedem ta' integrita` hekk li ta' madwaru iħossuhom skomdi bih. F'dinja li temmen fl-inklużjoni, huwa sorprendenti li jeżistu diversi forom ta' eżilji u diversi raġunijiet għaliex wieħed jagħżel li jeżilja ruħhu. L-eżilju jista' jkun ukoll forma ta' skuża: b'rispett lejn il-privatezza ta' dak li jkun !

Hi x'inhi r-raġuni, it-tul taż-żmien li wieħed iqatta` fl-eżilju jiddependi ħafna mill-istess individwu, u mill-komunita` ta'madwaru. F'soċjeta` individwalista` faċli li wieħed isib ruħhu eżiljat, jew joħloq diversi okkażżjonijiet biex jaħrab lejn l-eżilju. Iċ-ċirkustanza, tkun xi tkun, is- sehem tal-komunita` huwa importanti.

Dan il-punt emfesiżżah ħafna il- Papa benedittu XVI fil-messaġġ tiegħu tar-Randan 2012:

> '... our exhortation tells us to look at others, first of all at Jesus, to be concerned for one another, and not to remain isolated and indiffferent to the fate of our brothers and sisters. All too often, however, our attitude is just the opposite an indifference and disinterest born of selfishness and masked as a respect for 'privacy'.

Illum għar-raġuni jew għal oħra, għandna bosta forom ta' eżilji. Huwa fl-interess tal-bniedem li jasal biex jirrifletti ftit u jara fejn hu, x'qiegħed ipoġġieh fl-eżilju, għaliex jagħżel li jidħol f'eżilju milli jiffaċċja r-realta` tal- ħajja; x'għandu jagħmel u x'jinħtieġ biex ikun jista' jinħeles mill-eżilju.

Realta` oħra hija, li l-eżilju mhux dejjem huwa ħaġa negattiva, jista' jkun il-mezz ta' tibdila radikali, daqs kemm jista' jkun il-post ta' falliment totali, jekk jista' jeżisti falliment totali ! Kollox jiddependi mill-attitudni tal-persuna, kemm il-persuna tkun lesta li tinfetaħ għaliha nnifisha, għal ħaddieħor, u għal Alla.

Il-mixja mal-adolexxenti/żgħażagħ hija proċess; iż-żmien mhux importanti, l-ispazju lanqas, l-attitudni u r-rieda tajba huma importanti ħafna daqs kemm huwa importanti is–sehem ġenwin tal-komunita`. Fis-sensiela *Lark Rise to Candleford, Queenie* spiss tirrepetti: *people need people*. Jalla lkoll nifhmu li bħala nsara tassew, għadu żmien li nkunu *'our brother's keeper'* mhux biex nilħqu salib ħaddieħor imma biex inwieżnu lil xulxin sabiex l-esperjenza tal-eżilju jekk jista' jkun ma nidħlux fiha, imma kieku stess wieħed isib ruħu fiha ejjew inkunu ċ-Ċirinew li nagħtuh spalla biex joħroġ minnu - bniedem ġdid fi Kristu, maħbub minn ħutu fil-komunita`.

F'din ir-riżorsa għar-Randan 2012, sa noffru ftit ideat b'mod partikulari lill- *Youth Leaders*, għar- riflessjoni u diskussjoni mal-adolexxenti/żgħażagħ, dwar din ir-realta' li aktar ma qiegħed jgħaddi ż-żmien aktar qiegħda ssir prevalenti.



## Il-Għanijiet ta' dawn il- riżorsi:

- X'inhu eżilju ?
- Xi jġiel wieħed/waħda tesperjenza eżilju ?
- L-eżilju hu dejjem esperjenza negattiva?
- Kif wieħed/waħda tista' toħroġ mill-eżilju ?
- X'inhu sehem il-komunita' nisranija qudiem ir-realta` tal-eżilju ?

**Introduzzjoni** għall-laqgħa: Minuta ta' skiet, sabiex ninġabru. Jista' tindaqq xi ftit mużika instrumentali.

## Riflessjonijiet għal diskussjoni : <u>L-Eżilju modern</u>

Forsi wieħed jistaqsi, fid-dinja tagħna llum fejn sirna villaġġ globali, fejn f'ħakka t'għajn nafu x'qiegħed isir u jingħad eluf ta' mili l-bogħod, hu possibli li wieħed iħossu eżiljat ? Illum fejn kulħadd jemmen fil-liberta`, fejn bosta rriskjaw u għadhom joħorġu għonqhom f'isem il-liberta`, hu possibli li hawn nies jgħixu f'eżilju ? F'kultura, f'soċjeta' bħal tagħna , fejn l-adolexxenti/żgħażagħ tagħna għandhom firxa wiesa' ta' opportunitajiet quddiemhom, għandhom *buffet* ta' għażliet minn fejn jagħżlu, opportunitajiet ta' diversi servizzi, hu possibli li adolexxent/żgħażugħ iħossu eżiljat ?

**Alla ħalaq il-bniedem liberu, imma l-bniedem f'isem il-liberta` ħalaq l-eżilji !**

Mingħajr ma ninstemgħu negattivi ejjew naraw kif adolexxent/żgħażugħ huwa faċli għalih li joħloq l-eżilju tiegħu stess.

Wieħed mill-akbar passi ġganteski tal-bniedem huwa l-iżvillup tat-teknologija. Permezz tagħha saru avvanzi kbar f'kull qasam tal-ħajja. It-teknoloġija hija meravilja kbira , inqisha nisġa ta' tifħir lejn il-kapaċita` enormi tal-bniedem. It-teknoloġija, għenet, qiegħda tgħin u għad tgħin aktar 'il quddiem lill-bniedem. Hija qiegħda għas –servizz tal-bniedem, sakemm il-bniedem jibqa' jemmen f'dan, il-ħajja jista' jkollha xi forma ta' bilanċ, imma meta l-bniedem isir skjav tat-teknoloġija, hemmhekk jibda l-gwaj, jibda l-eżilju tiegħu.

Qegħdin ngħixu f'dinja **virtwali**. Il-benefiċċji ta' dan huma immensi. Jista' jkun ukoll li f'xi waqtiet dan joffri dinja f'xalata ta' fantasija, din tista' toħloq illużjoni. Mhix ħaġa rari li nsibu adolexxenti/żgħażagħ diżilużżi għax jppruvaw jgħixu f'fantasija !Bosta

adolexxenti/żgħażagħ qed isiru *'addicted'* għal din id-dinja tal-fanatsaija. Forsi lanqas biss qed jirealizaw li din bħal kull vizzju ieħor jinħtieġ li tiġi kkontrollata għaliex il-konsegwenzi tagħha jistgħu jkunu kbar. Insibu bosta adolexxenti/żgħażagħ li għal xi raġuni jew oħra, iqattgħu siegħat twal b'mod esaġġerat quddiem il- kompjuter, jiċċettajaw, jilgħabu, jew skont l-espressjoni tagħhom *browsing* ! L-għaref jgħid li l-**bilanċ kollox**.

Forsi tajjeb hawnhekk wieħed jistaqsi: x'qiegħed iġiegħel lil adolexxenti/żgħażagħ tagħna jeżiljaw rwieħhom għal siegħat sħaħ quddiem kompjuter ? Intennu, t-teknoloġija hija bżonjuża u għandna nieħdu ħsiebha, immela għaliex hawn bosta li qegħdin jużawha bħala l-mezz tal-ħarba tagħhom ? Xi jwassal adolexxent/żgħażugħ jaħrab milli jiffaċċja r-realta` u jippreferi jqatta` siegħat sħaħ mal-kompjuter ? Ħarba minn x'hiex ?

Indawru ħarsitna lejn ir-realta' **tad-divertiment** . Żgur li kulħadd jinħtieġ mumenti ta'divertiment. Dawn qieshom *fuel*, għaliex suppost li jipprovdu mumenti ta' mistrieħ sabiex il-bniedem jiġġeded u jkollu s-saħħa mentali, fiżika, emozzjonali sabiex ikompli jgħix ħajtu. Ħajja bla divertiment mhux biss hija ħajja monotona imma wkoll hija ħajja mhux b'saħħitha. Sadanittant, insibu wħud, fosthom adolexxenti/żgħażagħ li jgħixu għad-divertiment. Il-ħajja tagħhom tiddependi mis-siegħat tad-divertiment. Għal xi wħud id-divertiment sar mezz ta' ħarba mill-realta`.

Inħarsu issa lejn lejn id-dinja **tar-realazzjonijiet**. *No man is an island*, għadna bżonn ir-relazzjonijiet biex ngħixu fid-dinja. Illum għalxi raġuni jew oħra donnu r-relazzjonijiet qegħdin isiru *robotized,* relazzjonijiet artifiċjali bi ftit wisq esperjenza umana, u jekk ikun hemm din, tista' tkun għall-vantaġġ egoist tal-persuni u mhux għall-profondita` u l-maturita` tal-istess relazzjoni u tal-persuni involuti. Kemm għandna adolexxenti/żgħażagħ li jħossuhom konfużi għaliex f'siegħa ma rċevewx xi sms, jew għaliex f'siegħa irċevew inqas mis-soltu. Ħalli għalihom, arahom, jibagħtu messaġġi sabiex jiskopru x'qiegħed jiġri .

Mill-banda l-oħra, is-***social networking*** kiber immens, għandu t-tajjeb tiegħu, fih bosta vantaġġi, imma r-relazzjoniiet umani ma jistgħux jiddependu biss mill-komunikazzjoni, mill-kitba u l-messaġġi li wieħed jibgħat permezz *tas-social networking*. Il-bniedem għandu bżonn jirelata mal-bniedem, anke jekk mhux ta'spiss, imma perjodikament jibqgħalu l-bżonn tal-kuntatt uman. Jista' wieħed jikkuntenta ruħu li għandu firxa wiesa' ta' *social networking*, imbgħad rari tarah jagħmilha man-nies? Il- kompjuter ma joffrix formazzjoni imma informazzjoni. Il-formazzjoni tgħaddi mill-bniedem għall-bniedem. Forsi hawn min jibża' jweggħa mill-istess bnedmin, ma nlumux , imma dan ma jiġġustikax l-kunċett, jew aħjar ma jagħtihx raġuni valida li persuna taħrab mill- bnedmin u tidħol f'eżilju. Il-bniedem huwa maħluq biex ikun maħbub u biex iħobb, dan jista' jsir biss meta wieħed

iħares f'għajnejn ħuħ u jaqralu qalbu, s-sentimenti tiegħu u l-emozzjonjiet tiegħu. Nistaqsu , tista' l-vera imħabba umana tgħaddi miċ-ċippa eletronika ? Nistgħu ngħidu li ser nibnu dinja aħjar jekk din tkun ibbażata b'mod esaġġerat fuq is-*social networking* u bi ftit wisq kuntatt uman ?

**Diskussjoni permezz tal-media:**

Suġġeriment: Araw din il-*clip* qasira mill-film 'Captivated'. (click: captivatedthemovie – issibu l-*clip*.

http://www.youtube.com/watch?v=tJDvdJC8eHo

Ftit punti għad-diskussjoni ibbażati fuq il-*clip:* Iddiskutu r-realta` li qed joffri. X'taħsbu dwar dak li qed jingħad ? Hu veru ? Hu esaġerat ? .

## Noti

**Mistoqsijiet għall-riflessjoni:** (jistgħu jsiru fil-grupp f'forma ta' diskussjoni, jew fil-grupp f'attivita` spiritwali/ f'seminar ).



## *L-ewwel parti*: **Inti quddiem il-Veru INT !**

- Quddiem ir-realta` teknoloġika tallum, liema hi l-verita' li tinsab fik versus dik tal-fanatasija ?
- Min int tassew ?
- X'inhi l-attitudni tiegħek lejn il-ħajja ?
- Ħajtek hija teatrin; tagħmel kollox għal wiċċ in-nies ?
- Tibża' tfalli, tibża' tiżbalja?
- Għaliex trid tkun minn tal-ewwel f'kollox ?
- Għatxan għal-verita` u tibża' mill-istess verita` għaliex ?
- Għaliex qiesek pinnur, iddur fejn jaqbilek, tqabel fejn jaqbilek ?
- X'inhuma l-prinċipji tiegħek ? Lest/a li tiddefendihom ?
- X'għandu valur f'ħajtek ?
- X'qed iżommok skjava f'ħajtek: tipjip, relazzjonijiet li m'humiex f'posthom, ħin bla kontroll quddiem il-kompjuter jew fuq il-*play station*; gideb lil ġenituri tiegħek /dawk li qed irabbuk, għall -vantaġġi personali tiegħek, il-klikka li qiegħda tagħmilha magħha ?
- Ġieli wasalt f'punt li ma tapprezzax lil ħajtek? Għaliex ? X'wasslek għal dan – ir-realta' fuqek innifsek jew l-*expectations* esaġerati fuqek innifsek ?
- Taf tħobb tassew ? Għalik l-imħabba tfisseer li kulħadd jagħmel kif tgħid int, kif trid int ?

Bħala għeluq ta' din ir-riflessjoni indoqqu d-diska ta' Michael Jackson: ***The man in the mirror***, jkun tajjeb li titqassam il-lirika tagħha jew tintwerra fuq *powerpoint*. Din id-diska fiha riflessjoni profonda ħafna dwar il-jien min jien .

## Noti



*Tieni parti*: **Int u qalbek !**

**Introduzzjoni**: Quddiem l-esperjenza tal-eżilju fejn tinsab qalbek ? Riflessjonijiet li jistgħu jsiru f'seminar jew fil-grupp, f'*workshops.*



- Fejn hi qalbek ?
- X'qiegħed jeżiljak mir-realta` tal-ħajja ?
- Qed tħalli spazju għal Alla f'ħajtek, jew qed tgħix f'ġirja sfrenata hekkli anke lil Alla qed tieħu f*orgranted* ?
- Għaliex tiddejjaq titlob ?
- X'qiegħed iżommok milli tidħol fil-Knsija u titkellem ftit ma' Ġesu` li qiegħed hemm fit-tabernaklu ?
- Tinsab skjav tal-*peer pressure* ? Għalhekk qed teżilja ruħek u tqatta` siegħat twal bla kontroll quddiem kompjuter ? Taħseb li b'daqshekk solvejt xi ħaġa ? Forsi mhux aħjar, tqum, tinżel għarkupptejk titlob lil Alla jgħinek u tibda tagħmilha ma' xi ħbieb sinċieri li lesti li jgħinuk ? Jekk tfittex issib, hawn ħafna adolexxenti u żgħażagħ bis-sens .
- Minn huma *r-role models* tiegħek ? Li tammira xi persuni popolari fid-dinja tal-isports, tal-ispettaklu, hija ħaġa normali, l-importanti li din il-persuna ma ssirx l-idolu ta' ħajtek.
- Fittex ftit fik innifsek, min huma, x'inhuma l-idoli li ħlaqt għalik ? X'importanza għandhom dawn f'ħajtek ? Jista' jkun li dawn l-idoli huma biċċa mill-kawza li tinsab għaddej mill-esperjenza tal-eżilju ? X'bi ħsiebek tagħmel dwarhom?

**Noti :**

## *Tielet parti:* ***Eżilju impost !***

**Introduzzjoni**: Hawn nies li sfortunatament jsibu lihom infushom f'eżilju għaliex idaħħalhom ħaddieħor.

Nirriflettu ftit fuq dan:



- Ġieli sibt ruħħek fi klikka, li għax membru wera opinjoni differenti,tispiċċaw temarġinawh, twarrbuh, teskludu, tibagħtulu *smses* iebsin ? Ma taħsibx li tkun wieħed minn dawk li qiegħed timponi eżilju fuq ħaddieħor ?

- Is-soċjeta` moderna temmen: 'acceptence of one another even if we do not agree'. Taħseb li din ir-realta` qiegħda tiġi mgħajjxa fit-totalita` tagħha ?

- Għax ħuk għandu kapaċitajiet differenti minnek, għaliex huwa ta' karattru sod, għaliex huwa *leader*, għandek twarrbu u tgħid ma' kulħadd li ma tistax iġġerħu, meta fil-verita` minħabba l-karattru dgħajjef tiegħek qiegħed tħossok mhedded ? Kieku kont inti flok ħuk kif tħossok- tiġi mwarrab minħabba d-dgħufija tal-oħrajn ?

- Jekk aħna bħala poplu nisrani, aħna responsabbli ta' xulxin, għaliex nemarġinaw lill-oħrajn, għaliex nimponu eżilju fuq ħaddieħor minħabba l-istess għira li hemm ġo fina ?

- Kemm tħoss għall-ħaddieħor u ma' ħaddieħor, ? Tifraħ bid-deni tal-oħrajn ? Ġieli tipprova tilgħabha tal-imħallef ġust u tgħid: fl-aħħar sab ġlekk jiġieh ! Min jaf kieku kont int, trid min jgħid hekk fuqek ?

- Kieku kellek xi problema fil-familja,fuq ix-xoghol, jew ma' sħabek, tixtieq li tiġi mgħajjar biha; tixtieq li l-oħrajn joqgħodu jzekzu fuqek, tixtieq teżilja ruħek biex ma tismax dan kollu ?

- Qatt ħsibt li stajt kont wieħed minn dawk li naqqast il-fiduċja ta' sieħbek, jew kasbartlu ismu, u l-fama tiegħu,hekk li minħabba fikom din il-persuna spiċċat emarġinata, eżiljata mill-bqija tal-grupp ? Kieku kont int kif kont tħossok ?

- Lest li tgħin lil sieħbek billi bi prudenza tiġbiddlu l-attenzjoni sabiex ma jkomplix jitgerbeb u jitfixxkel fl-għażliet ħżiena li qiegħed tarah jagħmel, jew iddawwar spallejk u titkaża bih, biex imbgħad jispiċċa imwarrab minn kulħadd ?

Mill-messaġġ tal-Papa Benedittu XVI għar-Randan 2012:

> ‘ We must not remain silent before evil, I am thinking of those Christians who out of human regard or purely personal convenience, adapt the prevailing mentality, rather than warning their brothers and sisters against ways of thinking and acting that are contrary to the truth and that do not follow the path of goodness.
>
> **Christian admonishment, for its part, is never motivated by a spirit of accusation or recrimination**. It is always moved by love and mercy, and springs from genuine concern for others’.

## Noti



*Raba' parti*: **Dak l-imbierek eżilju !**

**Introduzzjoni**: L-eżilju, mhux dejjem huwa post ta' falliment, jista' jkun *turning point* fil-ħajja tiegħek, jista' jkun mument ta' grazzja kbira !



- Meta ħassejtek fi kriżi x'għamilt ? Ħrabt mir-realta`? Iffaċċjajt ir-realta`, kif ?
- X'għajnuna/ għajnuniet sibt, biex toħroġ mill-eżilju tiegħek ?
- Irrikorrejt lejn Alla ?
- Sibt għajnuna minn xi ħabib/a sinċiera, mill-ħbieb ġenwini ?
- X'tgħallimt minn din l-esperjenza ?
- Li tibqa' *bitter,* imqarras lejn il-ħajja, lejn in-nies, huwa sinjal ta' immaturita kbira.
- Fil-ħajja jiġu bosta mumenti fejn wieħed jidħol f'eżilju, jista' jkun ta' natura emozzjonali, jista' jkun ta' natura fiżika, jista' jkun ta' natura spiritwali. Meta tħares lura, mumenti bħal dawn, xi swewlek f'ħajtek? Kbirt spiritwalment, emozzjonalment ? Kienu mumenti tad-deheb biex taħdem fuqek innifsek sabiex timmatura aktar ? Kienu mumenti ta' grazzja għalik, fejn ħassejt li mnalla ġralek hekk għaliex ħajjtek inbiddlet. Bil-malti għandna espressjoni ħelwa li tfisser dan kollu: Alla qabadni minn xahari !
- Temmen li fil-ħajja xejn ma jiġri għal xejn !
- Il-bniedem f'mixja lejn il-maturita` anke dik spiritwali iħares lejn kull sfida bħala opportunita`. X'taħseb ?

*Itlob u rifletti b'din is-song tassew interessanti: A different life.*
*[http://www.youtube.com/watch?v=4FOkQUmDGKk&feature=related](http://www.youtube.com/watch?v=4FOkQUmDGKk&feature=related)*

## Noti



**Nitgħallmu:** Għajnuniet fil-mixja tal-fidi (għajnuniet kateketiċi) sabiex nimmaturaw mill-istess esperjenza tal-eżilju.

- Ftakru kemm Alla jħobbna, kemm Alla jħobbkom. Għamlu ftit mumenti ta' riflessjoni profonda fuq kemm Alla jħobbkom. Tindunaw li l-imħabba Tiegħu tegħleb bil-wisq l-isfidi tal-ħajja.

- IrringrazzjawH ta' dak kollu, li Alla qiegħed jagħmel f'ħajjitkom. Is-sens ta' gratitudni huwa mportanti ħafna, huwa wieħed miċ-ċwievet biex tinbena attitudni pożittiva lejn il-ħajja.

- L-isfidi tal-ħajja, Alla jippermettihom għax iħobbkom, dawn jistgħu jkunu *turning points* fil-ħajja tagħkom. Ftakru f'mumenti bħal dawn fejn bil-għajnuna ta' Alla kellkom tagħmlu għażliet diffiċli, għażliet li tgħallimtu u kbirtu minnhom. Mhux kemm ma tizbaljax jgħodd, imma kemm tirealizza li żbaljajt u bil-għajnuna ta' Alla u ta' ħbieb sinċieri tipprova tqum. Taqtax qalbek,il-ħajja hi magħmula minn passi ċkejknin.

- Meta tibda tieħu bis-serjeta` l-ħajja tiegħek, tibda tfittex ir-realta ġo fik u tara li dak li hu illużjoni huwa verament illużjoni u xejn aktar. Meta tibda tirrealizza dan tibda timmatura, tibda tagħmel għazliet bis-sens, tibda taqta` l-ħbula li kienu jżommuk skjav; tibda ħiereġ mill-eżilju. Hekk kif tibda tgħix tassew il-liberta` tiegħek, tibda toffri liberta` lil ta' madwarek ukoll.

- Alla ħalaqna ilkoll liberi, imma meta wieħed isir skjav ta' xi ħaġa jinħtieglu li jinħeles. Hemm bżonn li wieħed ikollu rieda soda li jinħeles, xewqa biss mhix bizzejjed ! Hemm bżonn li jfittex l-għajnuna minn persuni tassew kompetenti u li jixtiequlu l-ġid. Hemm bżonn li jħalli spazju għal Alla f'ħajtu. **Aktar mall-bniedem ifittex lil Alla aktar isibu u aktar ma jsibu aktar ifittxu.** Santu Wistin jgħid li l-qalb tal-bniedem tistrieħ biss f'Alla.

- Fid-dinja teknoloġika tallum, wieħed mill-mezzi li bih nistgħu neħilsu mill-ezilju li dħalna fih hija billi ' *we unplug inorder to restore our freedom'*. Itgħallem kif *to unplug, għal* ftit waqtiet kuljum mill-ġirja tal-ħajja, mill-*wires* tat-teknoloġija , u tara kif mill-ġdid takkwista ftit aktar kalma, ftit aktar ħin liberu għalik innifsek. Jkollok ħin għall riflessjoni, ftit aktar ħin għat-talb personali, tiżdied fik il-paċi.

- Offri sfida lilek innifsek: agħmel **xogħol volontarju.** Tara x'sodisfazzjoni jagħtik. Tibqax magħluq fik innifsek, agħti idejk lil oħrajn, fid-dinja għandna bżonn lil xulxin. Li nħobbu lil xulxin huwa l-kmandament il- kbir għalina l-insara.

- Żomm l-ordni anke f'ħajtek, tgħallem qassam il-ħin, sib ħin għall-Alla, kelmU fuq kollox, għidlu kif int, xi tħoss, minn x'hiex qiegħed tibża', x'inhu li qiegħed idejjqek, x'tixtieq f'ħajtek. Sib ħin għall-Kelma t'Alla. Tibzax tidħol il-Knisja, tibzax tidher ġol-Knisja, m'intix antikwat jew *churchy* għax tagħmel dan, inti biss bniedem li f'ħajtek Alla jagħmel sens. Għalina l-Kattoliċi Ġesu' fit-Tabernaklu jagħmel ħafna sens. Hu dejjem hemm jistenna. Ġesu fit-tabernaklu ssibu biss jekk tidħol fil-Knisja !

- Meta tħossok f'salib it-toroq tal-ħajja, tippruvax taħrab billi taqa' għal xi vizzju, bil-ħsieb li idderri xi ftit, jew tipprova tinsa'; affarijiet bħal dawn idaħħluk fi sqaq, jeżiljawk. L-isfidi fil-ħajja qegħdin hemm biex niffaċċjawhom u mhux biex naħarbuhom !

- Il-ħażin il-bniedem jagħmlu għax jogħoġbu, imbagħad itaqqlu, inikktu, idejjqu, jgħabbih bil-ħtija. Ħafna drabi aktar ma dan itaqqlu aktar jipprova isib triqat biex jaħrab minnu u jispiċċa jidħol f'ħafna sqaqien, jispiċċa fi gwaj akbar. Quddiem din ir-realta`, quddiem il-bżonn tal-fejqan sħiħ, quddiem il-ħtieġa li terġa tħossok tasssew ferħan u rikonċiljat miegħek innifsek, mal-komunita' u ma' Alla, x'qiegħed itellfek milli tersaq għas-Sagrament tal-Rikonċiljazzjoni ( tal-Qrar) ?

- Fittex li ssir midħla ta' ħbieb tajbin, jekk tfittex issib. X'qiegħed jimpedik milli tidħol fi grupp bis-sens ? Tgħidlix li ma għandekx ħin ! *Time for everything and everything in it's time !*

- B'qalbek nadifa, ersaq għat-Tqarbin Imqaddes, li jqarbek lejn Alla u lejn ħutek fil-komunita`.

***Mill-Pastorali tar-Randan 2012***

Il-Kelma ta' Alla wrietna li fl-eżilju, il-poplu l-magħżul intebaħ li flok akkwista ħafna liberta'..., sar ilsir tiegħu innifsu u ta' oħrajn. Bosta bnedmin, anke fi żmienna għandhom din l-esperjenza. Jaħsbu li jekk jitilqu lil Alla jsiru aktar liberi u jagħmlu li jridu. Fil-fatt isibu li dan mhux veru. U ħafna drabi f'din is-sitwazzjoni ta' miżerja, ħafna jintebħu kemm għandhom bżonn ta' Alla u jerġgħu jduru lejH.

## Nitolbu bil-Bibbja



Id-dnub jeżiljak minn Alla; Alla ma jeżiljax lilu nnifsu minnek għax jibqa' jiġri warajk b'ħafna modi u manjieri sabiex tinbidel, sabiex mill-ġdid titħabbeb miegħU.

Itlob **Salm 31**: Fik Mulej jien nistkenn....

**Salm 32**: Hieni l-bniedem li ħtijietu maħfura....

**Sam 103**: Bierek ruħ tiegħi, il-Mulej !

Itlob u rrifletti fuq dan il-Vanġelu: **San.Mark Kap 1: 40-45**

Dan il-bniedem kien eżiljat minħabba l-ġdiem tiegħu. Ma beżgħax, lanqas minn dawk ta' madwaru, għamel kuraġġ, u resaq lejn Ġesu' Kristu.

Fis-soċjeta` tallum hawn ħafna forom ta' ġdiem li jistgħu jeżiljaw lill-bniedem.

**Ħalli lil Ġesu' Kristu jagħmel differenza f'ħajtek.**

## Ċelebrazzjoni forma ta' Prayer Meeting:

Agħmlu *sharing* spiritwali u irriflettu ftit fuq il-kliem tal-Prefazju li nsibu f'wieħed mill-Ħdud tar-Randan:

***Sewwa u xieraq tassew,***
***Mulej, missier, qaddis, Alla ta' dejjem li tista' kollox,***
***Tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna, li dejjem u kullimkien irrodulek ħajr.***

***Inti, għas-saħħa ta' wliedek,***
***U għat-tiġdid u s-safa ta' ruħhom,***
***Għażiltihom żmien fis-sena,***
***Biex fih ifittxu jinħalllu minn kull ġibda ħażina,***
***U jinqdew bil-ġid li jgħaddi***
***Hekk li iżjed jintrabbtu ma' dak li jibqa' għal dejjem.***

Kemm jagħmel sens dan il-kliem għax jurina kemm hemm bżonn li wieħed :

- Jirrifletti fuq dak li b'xi mod qiegħed jeżiljah, iżommu skjav ta' xi ħaġa jew ta' xi ħadd f'ħajtu; li
- jirrealiżża li dawn l-affarijiet ma humiex il-qofol ta' ħajtu, anzi qegħdin itaqqlulu ħajtu; u li
- jipprova jfittex mezzi u modi biex jinħall minnhom.
- Fuq kollox jirrealiza li l-paċi vera tal-qalb tinsab f'Alla, li Alla ħalqu liberu, imma li jrid jaħdem biex jgħix bis-sħiħ il-liberta` tiegħu kif titlob minnu l-fidi nisranija.

Faħħar lil Alla ta' kollox, dejjem u f'kollox.. Ammen. Hallelujah !

***Song*** **b'-riflessjonijiet għal ma' dawn ir-riflessjonijiet**

***Running into his presence :*** http://www.youtube.com/watch?v=6g7lrc6lrg4

**Sfida:**

- Ara x'qiegħed jeżiljak f'ħajtek, jeżiljak minnek innifsek, jeżiljak mill-familja tiegħek, jeżiljak minn sħabek, jeżiljak mill-komunita`, jeżiljak minn Alla. Agħmel ħiltek li bil-għajnuna ta' Alla u ta' nies kompetenti tiskopri aktar lilek innifsek u tipprova toħroġ mill-eżilju.

- Aħdem u oqgħod attent li ma tkunx il-kawża tal-eżilju ta' xi persuna/ persuni .

- Jekk kellek esperjenza pożittiva tal-eżilju, aqsamha ma' ħaddieħor, aħna ilkoll għanda bżonn xulxin. **Fid-dmir bħala nsara li ngħinu lil xulxin spiritwalment.**

- Li taċċetta l-persuna ma jfissirx li taċċetta d-dnub tagħha, inti bħala nisrani fid-dmir li tgħinnha toħroġ mid-dnub tagħha. Jekk dam mhux possibli, agħmel ħiltek li titlob għaliha. Qis li ma twarrab lil ħadd minn qalbek, aħna ilkoll aħwa b'Missier wieħed.

